MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 1326/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Joseph Aquilina**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Aquilina ta' 40 sena, bin Michael u Rita nee` Littleton, imwieled Hamrun, fl-24 ta' Mejju 1969, residenti 39, Flat 1, Triq is-Suq, Floriana, detentur tal-karta tal-identita` numru 126970(M).

Akkuzat talli f'Jannar 2006, u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gzejjer:
B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-bank HSBC Malta p.l.c., ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini tal-Artikolu 184, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkorrompa lil Tonio Grima fil-kapacita` tieghu bhala *Loans Councillor* mal-bank HSBC, u dan billi tah xi rigal jew weghda, jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom Tonio Grima ma kellux jedd, u dan sabiex jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, ai termini tal-Artikoli 115(b), 121(1), tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli indikati u senjatament l-Artikoli 115(b) u 121(9), tal-Kap. 9, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22, tal-Kap. 446, qed issibu hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Din il-piena qed tirrifletti l-fedina penali kwazi netta, l-ammissjoni, l-fatt li l-akkuzat ikkollabora bis-shih mal-Awtorita` u l-fatt li obbliga ruhu li ser ihallas l-ammont dovut lill-HSBC.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------